REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/242

tal-10 ta' Frar 2017

li jagħti bidu għal rieżami tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/184 u (UE) 2016/185 (li jestendu d-dazji antidumping u kompensatorji definittivi imposti fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) ikkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le) għall-finijiet li tiġi ddeterminata l-possibbiltà li tingħata eżenzjoni minn dawk il-miżuri lil produttur esportatur Malasjan partikolari, li jitħassar id-dazju antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet minn dak il-produttur esportatur u li l-importazzjonijiet minn dak il-produttur esportatur isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea [1] ("ir-Regolament antidumping bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 11(4), 13(4) u 14(5) tiegħu, u r-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea [2] ("ir-Regolament antisussidji bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 23(6) u 24(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

1. TALBA

(1) Il-Kummissjoni Ewropea ("Il-Kummissjoni") irċeviet talba għal eżenzjoni mill-miżuri antidumping u kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet tal-moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew huma konsinjati mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina estiżi għall-importazzjonijiet tal-moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) konsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk huma ddikjarati li joriġinaw mill-Malasja u t-Tajwan u kemm jekk le, sa fejn huwa kkonċernat l-applikant, skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 23(6) tar-Regolament antisussidji bażiku.

(2) It-talba tressqet fil-21 ta' Ottubru 2016 minn Jinko Solar Technology SDN.BHD ("l-applikant"), produttur esportatur tal-moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin jew pannelli u ċelloli tat-tip użati fil-moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin jew pannelli fil-Malasja.

2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI

(3) Il-prodott taħt rieżami huwa moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċ-ċelloli tat-tip użat fil-moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin (iċ-ċelloli għandhom ħxuna li ma taqbiżx l-400 mikrometru), konsinjati mill-Malasja jew it-Tajwan, kemm jekk huma ddikjarati li joriġinaw mill-Malasja jew mit-Tajwan u kemm jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-Kodiċijiet NM ex 8501 31 00, ex 8501 32 00, ex 8501 33 00, ex 8501 34 00, ex 8501 61 20, ex 8501 61 80, ex 8501 62 00, ex 8501 63 00, ex 8501 64 00 u ex 8541 40 90.

(4) It-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni tal-prodott li qed jiġi rieżaminat:

— ċarġers solari li jikkonsistu f'inqas minn sitt ċelloli, huma portabbli u jfornu elettriku lil apparati jew jiċċarġjaw batteriji,

— prodotti fotovoltajċi b'rita rqiqa,

[1] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
[2] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

— prodotti fotovoltajċi tas-siliċju kristallin li huma integrati b'mod permanenti fi prodotti elettriċi, fejn il-funzjoni tal-prodotti elettriċi hija differenti mill-ġenerazzjoni tal-enerġija, u fejn dawn il-prodotti elettriċi jikkunsmaw l-elettriku ġġenerat miċ-ċellola/i fotovoltajka/ċi integrata/i tas-siliċju kristallin,

— moduli jew pannelli b'vultaġġ prodott li ma jaqbiżx il-50 V DC u potenza prodotta li ma taqbiżx 50 W unikament għal użu dirett bħala ċarġers tal-batteriji f'sistemi bl-istess karatteristiċi ta' vultaġġ u potenza.

3. IL-MIŻURI EŻISTENTI

(5) Il-Kunsill, permezz tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1238/2013 ([1]) u (UE) Nru 1239/2013 ([2]), impona miżuri antidumping u kompensatorji fuq il-moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin jew pannelli u ċelloli tat-tip użat f'moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jew huma kkonsenjati minn hemm ("il-miżuri oriġinali"). Ġie aċċettat ukoll Ftehim ta' Impenn. Permezz tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/184 ([3]) u (UE) 2016/185 ([4]), il-Kummissjoni estendiet il-miżuri għall-moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) konsenjati mill-Malasja u t-Tajwan ("il-miżuri estiżi"), sew jekk huma ddikjarati li joriġinaw fil-Malasja u t-Tajwan u sew jekk le, bl-eċċezzjoni ta' importazzjonijiet prodotti minn ċerti kumpaniji msemmija speċifikament.

(6) Fil-5 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni bdiet rieżamijiet ta' skadenza tal-miżuri antidumping ([5]) u kompensatorji ([6]) u rieżami *interim* ([7]). Dawn l-investigazzjonijiet ta' rieżami għadhom għaddejjin.

4. RAĠUNIJIET GĦAR-RIEŻAMI

(7) L-applikant qal li ma esportax il-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni użat fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri estiżi, jiġifieri mill-1 ta' April 2014 sal-31 ta' Marzu 2015.

(8) Barra minn hekk, l-applikant qal li ma evitax il-miżuri eżistenti.

(9) L-applikant kompla jgħid li wara l-perjodu ta' investigazzjoni użat fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri estiżi kien daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni.

5. IL-PROĊEDURA

5.1. Il-bidu

(10) Il-Kummissjoni eżaminat l-evidenza disponibbli, u kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 23(6) tar-Regolament antisussidji bażiku għall-għanijiet li tiġi ddeterminata l-possibilità li l-applikant jingħata eżenzjoni mill-miżuri estiżi.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, 5.12.2013, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, 5.12.2013, p. 66).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/184 tal-11 ta' Frar 2016 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) ikkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le (ĠU L 37, 12.2.2016, p. 56).

([4]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/185 tal-11 ta' Frar 2016 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) ikkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le (ĠU L 37, 12.2.2016, p. 76).

([5]) Notifika ta' bidu 2015/C 405/08; ĠU C 405, 5.12.2015, p. 8.

([6]) Notifika ta' bidu 2015/C 405/09; ĠU C 405, 5.12.2015, p. 20.

([7]) Notifika ta' bidu 2015/C 405/10; ĠU C 405, 5.12.2015, p. 33.

(11) L-industrija tal-Unjoni li kien magħruf li kienet ikkonċernata ġiet infurmata bit-talba għal rieżami u ngħatat l-opportunità li tikkummenta. L-industrija tal-Unjoni qalet li minħabba li l-applikant huwa relatat ma' grupp Ċiniż soġġett għall-miżuri li rtira mill-Impenn ([1]), ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni huwa partikolarment għoli.

(12) Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lil din ir-relazzjoni u se teżamina bir-reqqa jekk ir-relazzjoni mal-kumpaniji soġġetti għall-miżuri eżistenti ġietx stabbilita jew użata għaċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri. Il-Kummissjoni se tqis ukoll jekk għandhomx jiġu imposti kundizzjonijiet ta' monitoraġġ partikolari fil-każ li l-investigazzjoni tikkonkludi li l-għoti tal-eżenzjoni huwa ġustifikat.

5.2. **It-tħassir tal-miżuri antidumping eżistenti u r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet**

(13) Skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament antidumping bażiku, id-dazju antidumping fis-seħħ għandu jitħassar fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodott rieżaminat li huma prodotti u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-applikant.

(14) Fl-istess waqt, tali importazzjonijiet għandhom isiru suġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament antidumping bażiku, sabiex jiġi żgurat li, jekk ir-rieżami juri li teżisti ċirkomvenzjoni fir-rigward tal-applikant, id-dazji antidumping ikunu jistgħu jiġu imposti mid-data tar-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet. L-ammont tar-responsabilitajiet futuri possibbli tal-applikant ma jistax jiġi stmat f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

5.3. **Il-miżuri antisussidji eżistenti**

(15) Minħabba li ma hemm l-ebda bażi ġuridika fir-Regolament antisussidji bażiku biex il-miżuri antisussidji fis-seħħ jitħassru, dawn il-miżuri se jibqgħu fis-seħħ. Ikun biss jekk ir-rieżami jirriżulta fis-sejba li l-applikant huwa intitolat għal eżenzjoni li l-miżuri antisussidji fis-seħħ jitħassru permezz ta' Regolament li jagħti tali eżenzjoni.

5.4. **Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami**

(16) L-investigazzjoni se tkopri l-perjodu minn mill-1 ta' April 2014 sal-31 ta' Diċembru 2016 ("il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami").

5.5. **L-investigazzjoni tal-applikant**

(17) Sabiex tkun tista' tikseb it-tagħrif li hija tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarju lill-applikant. L-applikant għandu jippreżenta l-kwestjonarju mimli fi żmien 37 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 11(2) tar-Regolament antisussidji bażiku.

5.6. **Sottomissjonijiet oħrajn bil-miktub**

(18) Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

5.7. **Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni**

(19) Il-partijiet interessati kollha jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi tal-bidu tal-investigazzjoni t-talba trid titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Wara dan, it-talba għal smigħ trid titressaq fil-limitu tal-iskadenzi speċifiċi stabbiliti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1998 tal-15 ta' Novembru 2016 li jirtira l-aċċettazzjoni tal-impenn għal ħames produtturi esportaturi skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/707/UE li tikkonferma l-aċċettazzjoni ta' impenn offrut b'rabta mal-proċedimenti ta' anti-dumping u antisussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-perjodu ta' applikazzjoni ta' miżuri definittivi (ĠU L 308, 16.11.2016, p. 8).

5.8. **Istruzzjonijiet għas-sottomissjonijiet bil-miktub u sabiex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija kif ukoll il-korrispondenza**

(20) L-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni għall-finijiet tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew dejta li jkunu suġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet li jippermetti espliċitament lill-Kummissjoni biex a) tuża l-informazzjoni u d-dejta għall-finijiet ta' dan il-proċediment għad-difiża tal-kummerċ u b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-dejta lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom jeżerċitaw id-dritt tad-difiża tagħhom.

(21) Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li jkun intalab trattament kunfidenzjali għalihom jiġu mmarkati "Limited" ([1]) ("ristrett").

(22) Partijiet interessati li jipprovdu informazzjoni "Limited" huma mitluba jipprovdu taqsiriet mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 29(2) tar-Regolament antisussidji bażiku, li jkunu mmarkati bil-kliem "For inspection by interested parties" ("Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati"). Dawn is-sommarji għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni mressqa b'mod kunfidenzjali. Jekk parti interessata li tippreżenta informazzjoni kunfidenzjali ma tipprovdix sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u l-kwalità mitlubin, din l-informazzjoni tista' tiġi injorata.

(23) Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha permezz tal-posta elettronika inklużi dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' tweġibiet voluminużi li jiġu mressqa fuq mezz ta' ħżin diġitali portabbli (CD-ROM, DVD, flash drive USB …) bl-idejn jew bil-posta rreġistrata. Meta jużaw il-posta elettronika, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ" ippubblikat fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ:

http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2014/june/tradoc_152577.pdf

Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz tal-posta elettronika validu u għandhom jiżguraw li l-indirizz elettroniku pprovdut ikun indirizz elettroniku tax-xogħol uffiċjali operattiv li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jingħataw id-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-posta elettronika biss, dment li ma jkunx hemm talba speċifika li d-dokumenti kollha mill-Kummissjoni jintbagħtu b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew dment li n-natura tad-dokument li għandu jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal aktar regoli u informazzjoni dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet bil-posta elettronika, il-partijiet interessati għandhom jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: CHAR 04/039
1049 Bruxelles
BELGIUM
Posta elettronika: Trade.solar.R659@ec.europa.eu

6. **NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI**

(24) F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fit-termini preskrittivi stipulati, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, is-sejbiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, jistgħu jsiru abbażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 28 tar-Regolament antisussidji bażiku.

([1]) Dokument "Limited" huwa dokument meqjus kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1036 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Antidumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

(25) Meta jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jintużaw il-fatti disponibbli.

(26) Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment, u s-sejbiet ikunu għalhekk imsejsa fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 28 tar-Regolament antisussidji bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal din il-parti milli kieku din tkun ikkooperat.

(27) Jekk ma tintbagħatx tweġiba bil-kompjuter, dan ma għandux jitqies bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitluba kienet tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew fi spejjeż żejda mhux raġonevoli. Il-parti interessata għandha tikkuntattja l-Kummissjoni immedjatament.

7. **L-UFFIĊJAL TAS-SEDUTA**

(28) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jagħmilha ta' punt ta' kuntatt bejn il-partijiet interessati u s-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina t-talbiet għal aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tat-termini preskrittivi u t-talbiet minn partijiet terzi biex jinstemgħu. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduta ta' smigħ ma' parti interessata individwali u jagħmilha ta' medjatur biex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jitħaddmu b'mod sħiħ. L-Uffiċjal tas-Seduta jagħti wkoll opportunitajiet biex isir smigħ li jinvolvi l-partijiet u li jippermetti li jitressqu fehmiet differenti u argumenti kuntrarji.

(29) It-talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika x'inhuma r-raġunijiet għat-talba. Għal seduti ta' smigħ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-fażi inizjali tal-investigazzjoni, it-talba trid titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Wara dan, it-talba għal smigħ trid titressaq fl-iskadenzi speċifiċi stipulati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

(30) Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni elettroniċi tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit elettroniku tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/ (bl-Ingliż).

8. **L-ISKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(31) L-investigazzjoni se tintemm, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament antidumping bażiku u skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament antisussidji bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

9. **IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

(32) Kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Rieżami tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/184 u (UE) 2016/185, huwa b'dan mibdi skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 u l-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2016/1037 sabiex jiġi stabbilit jekk l-importazzjonijiet ta' moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċ-ċelloli tat-tip użat fil-moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin (iċ-ċelloli għandhom ħxuna li ma taqbiżx l-400 mikrometru), konsinjati mill-Malasja jew it-Tajwan, kemm jekk huma ddikjarati li joriġinaw mill-Malasja jew mit-Tajwan u kemm jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-Kodiċijiet NM ex 8501 31 00, ex 8501 32 00, ex 8501 33 00, ex 8501 34 00, ex 8501 61 20, ex 8501 61 80, ex 8501 62 00, ex 8501 63 00, ex 8501 64 00 u ex 8541 40 90 (kodiċijiet TARIC: 8501 31 00 82, 8501 31 00 83, 8501 32 00 42, 8501 32 00 43, 8501 33 00 62, 8501 33 00 63, 8501 34 00 42, 8501 34 00 43, 8501 61 20 42, 8501 61 20 43, 8501 61 80 42, 8501 61 80 43, 8501 62 00 62, 8501 62 00 63, 8501 63 00 42, 8501 63 00 43, 8501 64 00 42, 8501 64 00 43, 8541 40 90 22, 8541 40 90 23, 8541 40 90 32, 8541 40 90 33), prodotti minn Jinko Solar Technology SDN.BHD, jenħtieġ li jkunu suġġetti għall-miżuri antidumping u antisussidji imposti mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/185 u (UE) 2016/184.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

Artikolu 2

Id-dazju antidumping impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/185 huwa b'dan imħassar fir-rigward tal-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament preżenti.

Artikolu 3

L-awtoritajiet Doganali għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER